# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 6**

**Appell numru: 146/2025/1**

**Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**
**u l-Marixxall Prinċipali**

***v.***

**Av. Jason Azzopardi**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba għar-rikuża tal-Imħallef Mark Simiana magħmula mill-appellant Avukat Jason Azzopardi b'rikors tal-15 ta' April 2025.

2. Fir-rikors jingħad illi t-talba għal rikuża saret "għal raġunijiet ta' nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva fil-konfront tal-esponenti appellant" peress illi: i. il-proċeduri kontra l-appellant inbdew, fil-fehma tiegħu, "fuq struzzjonijiet diretti tal-Prim'Ministru Robert Abela" u, ii. l-istess Prim'Ministru wera "fiduċja personali" fl-Imħallef Simiana meta dan kien avukat.

3. L-appellant igħid illi huwa stess "iddikjara pubblikament u "kiteb pubblikament" illi l-proċeduri kontrieh, li jqishom bħala "persekuzzjoni politika kontrieh, inbdew "fuq struzzjonijiet diretti tal-Prim'Ministru".

4. Dak li tiddikjara jew tikteb parti, sew jekk pubblikament sew jekk fil-privat, ma hijiex prova ta' dak li tgħid jew tikteb. L-atti juru illi l-proċeduri kontra l-appellant inbdew fuq talba tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u tal l-Marixxall Ewlieni, mhux tal-Prim'Ministru, li ma huwiex parti f'dawn il-proċeduri.

5. L-appellant igħid ukoll illi l-Prim'Ministru wera sodisfazzjon għall-aħbar li nbdew proċeduri kontra tiegħu. Din iżda ma hijiex prova illi l-proċeduri nbdew "fuq struzzjonijiet diretti tal-Prim'Ministru".

6. F'kull każ, ukoll likieku tassew il-Prim'Ministru ħa inizjattiva biex jinbdew dawn il-proċeduri, il-fatt illi l-Prim'Ministru għandu "fiduċja personali" fl-Imħallef Simiana ma hijiex raġuni tajba għar-rikuża. L-appellant stess fir-rikors tiegħu jgħid illi huwa "m'għandu ebda dubbju mill-integrità" tal-Imħallef Simiana, li jfisser illi l-appellant ukoll għandu fiduċja fih.

7. Waqt is-smigħ tal-appell l-appellant fisser illi, billi f'Malta hawn tendenza illi kull avveniment ikun "politiċizzat", jekk l-appell jinqata' kontrieh in-nies jistgħu jaħsbu illi dan seħħ għax wieħed mit-tliet imħallfin tal-Qorti tal-Appell huwa persuna fdata mill-Prim'Ministru, u dan il-ħsieb jixxerred fuq il-*media* soċjali u jagħti impressjoni ħażina tal-qorti bħala istituzzjoni imparzjali u indipendenti.

8. Billi llum sar possibbli għal kull min jaf jagħfas il-buttuni tat-tastiera ta' *computer* illi jxandar il-fehmiet tiegħu ma' kulħadd, mhux l-ewwel darba illi

fuq il-*media* soċjali xterdu fehmiet li jkunu kritiċi tal-ħidma tal-qrati. Kien hemm każijiet meta din il-kritika kienet ġustifikata, u kien hemm ukoll każijiet meta kienet frott ta' informazzjoni żbaljata, aġenda partikolari jew ukoll malizzja.

9. Il-qrati iżda jagħtu s-sentenzi skond il-liġi u skond il-ħaqq u s-sewwa, u mhux biex jirċievu *reviews* posittivi fuq il-*media*, sew jekk ġurnalistika u sew jekk soċjali. Il-qrati ma humiex sejrin iħallu lilhom infushom jiġu kundizzjonati minn dak li jingħad fuq il-*media* jew x'imkien ieħor, u lanqas il-komposizzjoni tal-Qorti tal-Appell ma tiddependi fuq jekk ikollhiex jew le l-approvazzjoni tal-*media* jew ta' xi settur jew ieħor tal-popolazzjoni.

10. Il-qorti tifhem ukoll illi l-appellant, bħala avukat responsabbli, mhux biss ma huwiex sejjer ikun hu li jxerred fehmiet żbaljati dwar il-proċess ġudizzjarju iżda anzi jkun minn ta' quddiem li jfittex li jikkoreġi lil min ixandar il-fehma illi l-preżenza tal-Imħallef Simiana bħala membru ta' din il-qorti jwassal biex ma jingħatax smigħ xieraq.

11. Billi għalhekk ma hemm ebda raġuni li tista' validament twassal għar-rikuża, il-qorti tiċħad it-talba.

12. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss